**Qorti tal- Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL. D.**

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Sean Farrugia**

Illum, 26 ta’ Ottubru 2015

Il- Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l- imsemmi Sean Farrugia u detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 389789M.

Talli f’l-24 ta’ Novembru 2013 ghall-habta ta’ 17.45hrs gewwa Triq il-Korp tal-Pijunieri San Pawl il-Bahar, saq vettura numru ABJ 237 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila f’l-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura numru CBJ 606 u nvolontarjament ikkaguna hsara a dannu ta’ Andrew Cachia;

U aktar talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila f’l-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Janica Penza skond kif iccertifikat Dr Charmaine Cremona mill-MHC.

Il-Prosekuzzjoni tablet li l-imputat jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat id-dokumenti prezentati.

Semghat il-provi u t-trattazzjoni tal-paritjiet.

Ikkunsidrat
Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan l-incident sehh minhabba li Andrew Cachia baqa hiereg minn fuq stop sign meta l-imputat kien diga kwazi

qasam l-inkrocju in ezami. Huwa car li l-incident ma sehhx minhabba negligenza ta’ l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, u ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D.**
**MAGISTRAT**